# Wiċċ u Rġejjen

Prof Joe Friggieri

In-nisa kienu jmorru għandu għal ħafna xorti, imma l-iżjed meta jkunu tqal, biex jgħidlilhom kienx se jkollhom tifel jew tifla. Hu kien jgħolli munita tal-fidda u jilqagħha f'idu hi u nieżla. Meta tiġi wiċċ kien jgħidilhom li se jkollhom tifel, ireġejjen tifla.

Iżda qabel joħorġu kien jidħol ġewwa u fuq biċċa karta jikteb il-maqlub ta' dak li jkun qalilhom, jitwi l-karta tnejn, jagħlaqha f'*envelope*, jissiġillah, iġagħalhom jiktbu isimhom fuqu, u jitfgħu f'kaxxa bil-katnazz u jitfa' ċ-ċavetta fil-but tas-sidrija.

Meta titwieled it-tarbija kienu jmorru jħalsuh.

"Kif qtajt, Luret?" kienu jgħidulu dawk li magħhom ikun ġabgħa żewġ.

"Il-munita tgħidli kollox," kien iweġibhom.

Imbagħad kienu jaslu dawk li fil-każ tagħhom ikun ġara bil-maqlub ta' dak li jkun bassrilhom.

"Int mhux tifla għedtli? U kelli tifel! Din id-darba ma qtajtx, Luret, u m'iniex se nħallsek."

"Stenna ftit ħa naraw x'kont għedtelk," kien jgħidilhom b'rasu mniżżla 'l isfel u b'għajnieh jibbru minn fuq il-ħġieġ tan-nuċċali. U kien joħroġ iċ-ċavetta mill-but tas-sidrija, jiftaħ il-kaxxa quddiemhom, u joħrog l-*envelope* b'isimhom fuqu, iffirmat minhom stess fuq barra.

"Iftħu ħa naraw x'kont għedtlek," kien jgħidlihom. U f'leħnu kienet tinstema' nota ta' tmejjil, bħal ta' xi ħadd li jaf li kien se jirbaħ.

"X'hemm miktub?"

"Tifel!"

"Qed tara? Dan l-*envelope* min iffirmah?"

"Jien"

"Allura? Issa tibqa' tgħid li ma qtajtx?"

"X'Kull waħda! U kemm mingħalija għedtli tifla!"

"Il-memorja għandha ħabta tqaraq bina, l-aktar meta moħħna jkun imtaqqal bi ħsibijiet oħra. M'intix kuntenta b'tifel?"

"Da' zgur li jien. Għalkemm kont qed nistenna tifla."

"U tifel u tifla mhux xorta, ngħid jien?"

"It-tnejn ħelwin."

"Daqshekk hu."

"Imma int żgur li tifel kont għedtili?"

"Hemm il-karta. Għalhekk nikteb jien, biex ma ninsiex. U għax naf li ħafna jinsew. *Verba volant, scripta manent*, kif jgħid in-Nutar Abela."

"X'għandi ntik?"

"Tini li trid, basta ma tmurx tgħid li ma qtajtx."

"Da' zgur li le! Ħames liri tajjeb?"

"Tini li tista'."

U l-mara kienet toħrog il-flus u tqegħedhomlu fuq il-mejda, quddiemu.

"Tinsiex x'tajtni, trid niktbuhom?" kien jistaqsiha.

'M'hemmx għalfejn. Din id-darba ma ninsiex. Saħħa Luret."

U kienet toħroġ minn hemm konvinta li l-munita niżlet wiċċ meta marret tkellmu l-ewwel darba, u li kienet fehmitu ħażin meta qalilha li se jkollha tifla.